



C/2024/4629

29.7.2024

Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv fil-qasam tal-prattiċi restrittivi u pożizzjonijiet dominanti fil-laqgħa tiegħu fl-20ta' Novembru 2023 dwar abbozz ta' deċiżjoni fil-Każ AT.40512 - Bonds Denominati f'Euro - Laqgħa bil-vidjokonferenza – permezz ta' "Skype for Business"

Relatur: Franza

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/4629)

1. Il-Kumitat Konsultattiv (seba' Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni li l-imġiba koperta mill-abbozz ta' Deċiżjoni tikkostitwixxi ksur uniku u kontinwu li jikkonsisti fi ftehimiet u/jew prattiki miftiehma li għandhom l-għan li jirrestrinġu l-kompetizzjoni jew joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-settura tal-bonds SSA denominati f'euro u l-bonds Garantiti mill-Gvern denominati f'euro u dan jikser l-Artikolu 101 tat-Trattat u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE.
2. Il-Kumitat Konsultattiv (seba' Stati Membri) jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni fl-abbozz ta' Deċiżjoni fir-rigward ta' kemm dam għaddej il-ksur.
3. Il-Kumitat Konsultattiv (seba' Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni li jenħtieġ li jiġi ornat li jintemm l-ksur u jenħtieġ li jiġi impost rimedju, kif stabbilit fl-abbozz ta' Deċiżjoni.
4. Il-Kumitat Konsultattiv (seba' Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni li jenħtieġ li jiġu imposti multi fuq id-destinatarji tal-abbozz ta' Deċiżjoni, bl-eċċeżżjoni tal-applikant għall-immunità.
5. Il-Kumitat Konsultattiv (seba' Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni dwar il-kalkolu tal-indikatur għall-valur tal-bejgħ biex jippermetti li l-Linji Gwida tal-2006 dwar il-metodu tal-iffissar tal-multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 jkunu applikati għal dan il-każ.
6. Il-Kumitat Konsultattiv (seba' Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni dwar l-ammont finali tal-multa, abbażi tal-Linji Gwida tal-2006 dwar il-metodu tal-kalkoli tal-multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 1/2003.
7. Il-Kumitat Konsultattiv (seba' Stati Membri) jirrakkomanda l-pubblikkazzjoni tal-opinjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Ufficijali.